MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru 1055/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Damyanov Yordan Ivanov**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat, detentur tal-passaport Bulgaru bin-numru 338256785.

1. Akkuzat talli fis-7 ta’ Ottubru 2009 ghall-habta tat-8.30am kkaguna hsara volontarja fuq bieb ta’ residenza ta’ Reuben Bonnici f’Pembroke liema hsara taqbez l-116.64 Euro pero mhux 1164.69 Euro.
2. Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-7 ta’ Ottubru 2009 ghall-habta f’San Giljan u fi bnadi oha f’dawn il-Gzejjer b’dviersi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi

(a) kkaguna biza lil Reuben Bonnici u Diana Atanasova li ser tintuza vjolenza konriehom jew kontra kontra l-propjeta’ taghhom;
(b) Talli gab ruhu b’mod li ta fastidu lil Reuben Bonnici u Diana Atanasova jew b’mod li kien jaf jew imissu kien jaf lid an kien ta fastidju ghalihom
(c) U iktar talli hedded bil-fomm u b’mezzi ohra lill-istess Reuben Bonnici u Diana Atanasova b’delitt fejn flimkien dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;

3. U iktar talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha
4. U iktar talli volontarjament kier il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied
5. U iktar talli fis-7 ta’ Ottubru 2009 ghall-habta tat-3.30am gewwa Hugo’s li jinsab f’Tarag St Rita San Giljan u /jew fil-vicinanzi, hebb ghal Reuben Bonnici
6. U iktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew bilil gab fix-xejn jew hassari dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor.

Ikkonsidrat

L-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat kronologikament skond ic-citazzjoni jirreferu ghal:

1. hsara volontarja – Artikolu 325 (a)
2. biza’ li ser tintuza vjolenza – Artikolu 251 B
3. fastidju – Artikolu 251 A
4. theddid – Artikolu 339 (e)
5. dagha – Artikolu 342
6. ksur tal-bon ordni jew il-kwiet pubbliku – Artikolu 338 (dd)
7. hebb – Artikolu 339 (d)
8. disubidjenza tal-ordnijiet legittimi tal-pulizija – Artikolu 338 (cc)

Issa l-akkuzat rregistra ammissjoni fuq liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidraha.

Fuq l-iskorta ta’ l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkuzata ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu tal-ligi fuq citati flimkien mal-Artikolu 17 (b) (c) (d) tal-Kap 9. tikkundannah 9 xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u multa ta’ mitt Euro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------